

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Drittijietek](#) > [Il-Vittmi Ta' Delitti \(għalkemm Hawnhekk Tista' Tfiisser Ukoll Tal-kriminalità\)](#)
> [Kumpens](#) > [Jekk It-talba Tiegħi Se Titqies F'dan Il-pajjiż](#) > [Latvja](#)

Jekk it-talba tiegħi se titqies f'dan il-pajjiż

Il-kontenut ipprovdut minn Latvja

Latvja

Liema tip ta' kriminalità nista' nikseb kumpens għaliha?

Il-vittma hija intitolata għal kumpens mill-Istat (*valsts kompensācija*) jekk reat kriminali intenzjonat ikun irriżulta fil-mewt ta' individwu, il-vittma tkun sofriet korriment personali minn moderat sa gravi, il-vittma tkun ġiet soġġetta għal attakk indeċenti jew sesswali, il-vittma tkun vittma ta' traffikar tal-bnedmin, jew il-vittma tkun ġiet infettata bil-virus tal-immunodeficijenza umana, bl-epatite B jew Ċ.

Liema tip ta' korriment nista' nikseb kumpens għalih?

Tista' tirċievi kumpens mill-Istat għal danni morali (*morālais aizskārums*), tbatija fiżika (*fiziskās ciešanas*) u ħsara materjali (*mantiskais zaudējums*) li jirriżultaw minn reat kriminali mwettaq intenzjonalment.

Nista' nikseb kumpens jekk inkun qarib jew dipendenti ta' vittma li mietet b'riżultat ta' reat? Liema qrafa jew dipendenti jistgħu jiksbu kumpens?

Jekk persuna tkun mietet b'riżultat ta' reat kriminali, il-vittma fil-proċedimenti kriminali tista' tkun qarib tal-mejjet (fiancé, konjuġi, ġenituri, nanniet, tfal, neputijiet, aħwa, kif ukoll il-persuni li magħhom il-persuna fiżika kkonċernata kienet qed tgħix u kellha unità domestika komuni (mhux konġunta)).

Jekk persuna tkun mietet b'riżultat ta' reat kriminali jew il-vittma tkun mietet u ma tkunx talbet kumpens mill-Istat jew tkun talbet u ma rċevietx kumpens mill-Istat, int intitolat li tirċievi kumpens mill-Istat. Madankollu, għandek titlob lill-persuna li tmexxi l-proċedimenti (il-pulizija, l-uffiċċju tal-prosekutur jew il-qorti) biex tirrikonoxxik bħala vittma fil-proċedimenti kriminali rilevanti.

Nista' nikseb kumpens jekk inkun qarib jew dipendenti ta' vittma li ma mititx? Liema qrafa jew dipendenti jistgħu jiksbu kumpens f'dan il-każ?

M'intix intitolat għal kumpens mill-Istat bħala qarib jew dipendenti ta' vittma jekk il-vittma hija superstiti ta' reat kriminali. F'dan il-każ, il-vittma nnifisha hija intitolata għal kumpens mill-Istat.

Nista' nikseb kumpens jekk m'iniex ċittadin ta' pajjiż tal-UE?

Ma tistax tirċievi kumpens mill-Istat jekk m'intix ċittadin ta' pajjiż tal-UE.

Nista' nitlob kumpens minn dan il-pajjiż jekk ngħix hawn jew niġi minn

hawnhekk (dan hu l-pajjiż ta' residenza tiegħi jew tan-nazzjonalità) anki jekk l-att kriminali sar f'pajjiż ieħor tal-UE? Nista' nagħmel dan minflok ma nitlob kumpens fil-pajjiż fejn sar ir-reat? Jekk iva, taħt liema kundizzjonijiet?

Jekk ir-reat kriminali twettaq fi Stat Membru ieħor tal-UE, int intitolat li titlob kumpens mill-Istat Membru tal-UE li fih twettaq ir-reat kriminali direttament jew permezz tal-Amministrazzjoni tal-Qrati (*Tiesu amministrācija*).

Għandi nkun irrappurtajt ir-reat lill-pulizija qabel inkun nista' nitlob kumpens?

L-ewwel trid tirrapporta r-reat lill-pulizija.

Biex titlob kumpens mill-Istat, iridu jkunu nbdew proċedimenti kriminali li fihom tkun ġejt rikonoxxut bħala vittma fil-proċedimenti kriminali bid-deċiżjoni tal-persuna li tmexxi l-proċedimenti (il-pulizija, l-uffiċċju tal-prosekutur, il-qorti).

Għandi bżonn nistenna l-eżitu ta' kwalunkwe investigazzjoni tal-pulizija jew proċedimenti kriminali qabel ma nkun nista' nitlob kumpens?

Biex titlob kumpens mill-Istat, m'għandekx għalfejn tistenna d-deċiżjoni finali mill-persuna li tmexxi l-proċedimenti (il-pulizija, l-uffiċċju tal-prosekutur, il-qorti).

Biex l-Amministrazzjoni tal-Qrati tiddeċiedi dwar il-ħlas jew ir-rifjut ta' ħlas tal-kumpens mill-Istat, il-persuna li tmexxi l-proċedimenti (il-pulizija, l-uffiċċju tal-prosekutur, il-qorti) trid tipprovdi l-informazzjoni li ġejja:

1. il-ħin u l-post tat-twettiq tar-reat kriminali;
2. it-tip ta' reat kriminali, il-forma ta' ħtija tat-trasgressur stabbilita fiż-żmien tal-ħruġ tar-rekord, id-data tal-bidu tal-proċedimenti kriminali u n-numru ta' referenza tal-każ kriminali;
3. informazzjoni dwar il-persuna rikonoxxuta bħala vittma fil-proċedimenti kriminali;
4. informazzjoni dwar il-persuna li hija rikonoxxuta bħala rappreżentant tal-vittma fil-proċedimenti kriminali, jekk il-vittma teżerċita d-drittijiet tagħha permezz ta' rappreżentant;
5. in-natura tal-ħsara li ssir bħala riżultat tar-reat kriminali (mewt ta' persuna, severità ta' korriment, attakk indeċenti jew sesswali, preżenza ta' indikazzjonijiet ta' traffikar tal-bnedmin jew ta' virus stabbilit tal-immunodeficijenza umana, epatite B jew C stabbilita);
6. id-data tas-sejbiet tal-esperti, in-numru tad-dokument u l-persuna li wettqet l-investigazzjoni esperta;
7. l-għadd ta' persuni li ġew rikonoxxuti bħala vittmi fl-istess proċedimenti kriminali li jikkonċernaw il-mewt ta' persuna, u l-informazzjoni dwar tali persuni.

Għandi għalfejn l-ewwel nitlob kumpens mingħand it-trażgressur — jekk ikun ġie identifikat?

M'intix obligat li l-ewwel tfittex kumpens mingħand it-trażgressur. Il-kumpens mill-Istat ma jippreġudikax id-dritt tal-vittma li tfittex kumpens fi proċedimenti kriminali billi tippreżenta talba rigward kumpens għal dannu fi kwalunkwe stadju tal-proċedimenti kriminali sakemm tinbeda l-eżaminazzjoni tal-każ fil-qorti tal-prim' istanza u fi proċedimenti ċivili billi tressaq talba quddiem il-qorti jekk temmen li ma ngħatajtx kumpens sħiħ.

Jekk dak li wettaq ir-reat ma ġiex identifikat jew ma nstabx ħati, xorta nista' nikkwalifika għall-kumpens? Jekk iva, x'evidenza għandi bżonn nippreżenta biex insostni t-talba tiegħi?

Int intitolat ukoll għal kumpens mill-Istat jekk it-trażgressur jew il-kompliċi tiegħu ma jiġux identifikati jew jekk ma jinżammux kriminalment responsabbli.

Jenħtieġ li tippreżenta talba għal kumpens mill-Istat billi tehmeż referenza mill-persuna li tmexxi l-proċedimenti

(il-pulizija), flimkien mal-informazzjoni meħtieġa.

Hemm limitu ta' żmien li fih għandi nitlob kumpens?

It-talba għal kumpens mill-Istat trid tiġi ppreżentata lill-Amministrazzjoni tal-Qrati fi żmien sena mill-jum li fih ġejt rikonoxxut bħala vittma, jew sirt konxju bil-fatti li jintitolawk titlob dak il-kumpens.

X'tip ta' telf u spejjeż jiġu koperti mill-kumpens?"

Il-kumpens mill-Istat ikopri d-dannu morali, it-tbatija fiżika jew id-dannu materjali li jirriżultaw minn reat kriminali mingħajr distinzjoni dwar it-tip ta' dannu li għalih jiġihallas il-kumpens mill-Istat. L-ammont tal-kumpens li għandu jiġihallas mill-Istat huwa stabbilit fil-[Liġi dwar il-kumpens mill-Istat lill-vittmi](#) (*Likums par valsts kompensāciju cietušajiem*), abbażi tal-konsegwenzi li jirriżultaw mir-reat kriminali.

Il-kumpens jiġihallas f'pagament wieħed jew f'pagamenti mensili?

Il-kumpens mill-Istat jiġihallas bħala pagament uniku, li jiġi ttrasferit fil-kont tal-istituzzjoni ta' pagament speċifikat fit-talba.

B'liema mod tista' l-imġiba tiegħi stess fir-rigward tar-reat, il-kondotta tiegħi jew nuqqas ta' kooperazzjoni matul il-proċeduri ta' kumpens jaffettwaw il-possibbiltà li nieħu kumpens, u/jew l-ammont li nirċievi?

Il-karatterizzazzjoni tar-reat kriminali tista' taffettwa l-ammont ta' kumpens mill-Istat; pereżempju, jekk ir-reat kriminali jitwettaq fi stat ta' aġitazzjoni mentali intensa, bi ksur tal-limiti meħtieġa ta' awtodifiża jew tal-kundizzjonijiet għad-detenzjoni ta' persuna. F'każijiet bħal dawn, l-ammont ta' kumpens mill-Istat f'konformità mal-konsegwenzi tar-reat kriminali jitnaqqas b' 50 %.

Jekk l-Amministrazzjoni tal-Qrati ma tirċevix l-informazzjoni mitluba fi żmien 15 jum, tista' tiddeċiedi li tirrifjuta li tħallas kumpens mill-Istat. Id-deċiżjoni dwar ir-rifjut ta' ħlas ta' kumpens mill-Istat f'dan il-każ ma twaqqafx milli terġa' titlob kumpens lill-Amministrazzjoni tal-Qrati f'konformità mal-proċeduri biex jintalab dan.

B'liema mod tista' s-sitwazzjoni finanzjarja tiegħi taffettwa l-possibbiltà li nieħu kumpens u/jew l-ammont?

Is-sitwazzjoni finanzjarja tiegħek ma taffettwax il-possibbiltà tiegħek li tirċievi kumpens mill-Istat u/jew l-ammont tal-kumpens.

Jekk irċevejt kumpens għad-danni kkawżati mir-reat kriminali mingħand l-awtur tar-reat jew persuna oħra minflokha, l-ammont tal-kumpens mill-Istat jitnaqqas bl-ammont ta' kumpens diġà riċevut.

Hemm xi kriterji oħrajn li jistgħu jaffettwaw il-possibbiltà tiegħi li nirċievi kumpens u/jew l-ammont?

Il-[liġi dwar il-kumpens mill-Istat lill-vittmi](#) tistabbilixxi kriterji oħra li jistgħu jaffettwaw il-possibbiltajiet tiegħek li tirċievi kumpens u/jew kemm għandek tirċievi kumpens. Pereżempju:

- jekk, bħala riżultat ta' reat kriminali, ikunu ġew stabbiliti diversi konsegwenzi fl-istess ħin, il-kumpens mill-Istat jiġihallas f'konformità mal-aktar konsegwenza severa tar-reat kriminali;
- jekk, bħala riżultat ta' reat kriminali, persuna tkun mietet u diversi persuni jkunu ġew rikonoxxuti bħala vittmi fil-proċedimenti kriminali, il-kumpens mill-Istat jiġihallas lil dawk il-vittmi, b'mod li jinqasam proporzjonalment għan-numru ta' vittmi;
- jekk, wara l-ħlas tal-kumpens, persuna oħra tiġi rikonoxxuta bħala vittma mill-persuna li tmexxi l-proċedimenti (il-pulizija, l-uffiċċju tal-prosekutur, il-qorti) fl-istess proċedimenti kriminali rigward il-mewt ta' persuna li tirriżulta minn reat kriminali, il-kumpens mill-Istat għandu jiġihallas bl-istess ammont kien

tħallas lill-vittma jew lill-vittmi.

Kif se jiġi kkalkulat il-kumpens?

L-ammont massimu ta' kumpens mill-Istat li għandu jitħallas lil vittma waħda ta' reat kriminali huwa ħames darbiet il-paga minima fix-xahar kif stabbilit fir-Repubblika tal-Latvja. L-ammont ta' kumpens mill-Istat huwa kkalkulat billi jittieħed kont tal-paga minima fix-xahar kif kienet fil-mument meta l-persuna ġiet rikonoxxuta bħala vittma.

Il-kumpens jitħallas:

- jekk persuna mietet – b' mod sħiħ (100 %);
- jekk il-vittma tkun sofriet offiża gravi fuq il-persuna, ir-reat kriminali jiġi kklassifikat bħala stupru jew vjolenza sesswali, minorenni jkun ġie soġġett għal attakk indeċenti jew sesswali, jew il-vittma tkun vittma tat-traffikar tal-bnedmin – fl-ammont ta' 90 %;
- jekk il-vittma, li tkun minorenni, iġġarrab feriti moderati fuq il-persuna jew il-vittma, li tkun minorenni, tkun ġiet infettata bil-virus tal-immunodeficijenza umana, l-epatite B jew C – fl-ammont ta' 70 %.

Hemm ammont minimu/massimu li jista' jingħata?

L-ammont massimu ta' kumpens mill-Istat huwa ħames darbiet il-paga minima fix-xahar stabbilita fir-Repubblika tal-Latvja, filwaqt li l-ammont minimu ta' kumpens mill-Istat huwa 50 % tal-ammont massimu tal-kumpens mill-Istat. Meta l-ammont tal-paga minima fix-xahar jinbidel, l-ammont tal-kumpens mill-Istat jinbidel ukoll.

Jien mistenni li nikkwota l-ammont fil-formola tat-talba? Jekk iva, nirċievi xi istruzzjonijiet dwar kif għandu jiġi kkalkulat jew dwar aspetti oħra?

M'għandekx għalfejn tispeċifika l-ammont fil-formola tat-talba għal kumpens mill-Istat, peress li l-[Liġi dwar il-kumpens mill-Istat lill-vittmi](#) tistabbilixxi l-ammont ta' kumpens mill-Istat.

Jekk nirċievi xi kumpens għat-telf minn sorsi oħra (bħal mingħand min iħaddimni jew skema ta' assigurazzjoni privata), se jitnaqqsu mill-kumpens imħallas mill-awtorità/entità?

Il-kumpens li tirċievi minn sorsi oħra (pereżempju, l-iskema tal-assigurazzjoni tal-impjegatur jew privata) ma jitnaqqasx mill-ammont tal-kumpens mill-Istat.

Nista' nirċievi ħlas bil-quddiem għall-kumpens? Jekk iva, taħt liema kundizzjonijiet?

Tista' ma tirċevix ħlas bil-quddiem ta' kumpens mill-Istat.

Nista' ningħata kumpens komplimentari jew addizzjonali (wara eż. tibdil fiċ-ċirkostanzi jew jekk saħħti tmur għall-agħar eċċ.) wara d-deċiżjoni ewlenija?

Jekk irċevejt kumpens mill-Istat u d-deċiżjoni finali ssib li sofret konsegwenzi aktar severi bħala riżultat tar-reat kriminali, tista' tirċievi d-differenza bejn l-ammont ta' kumpens mill-Istat imħallas u l-ammont pagabbli.

Liema dokumenti ta' sostenn għandi bżonn ninkludi mal-pretensjoni tiegħi?

Jekk tkun għadha ma ntaħqitx sentenza finali fil-proċedimenti kriminali fil-mument tat-talba għal kumpens mill-Istat, għandek iżżid mat-talba għal kumpens mill-Istat referenza mill-persuna li tmexxi l-proċedimenti (il-pulizija, l-uffiċċju tal-prosekutur, il-qorti), fejn tispeċifika dan li ġej:

1. il-ħin u l-post tat-twettiq tar-reat kriminali;
2. it-tip ta' reat kriminali, il-forma ta' ħtija tat-trasgressur stabbilita fiż-żmien tal-ħruġ tar-rekord, id-data tal-bidu tal-proċedimenti kriminali u n-numru ta' referenza tal-każ kriminali;
3. informazzjoni dwar il-persuna rikonoxxuta bħala vittma fil-proċedimenti kriminali;
4. informazzjoni dwar il-persuna rikonoxxuta bħala r-rappreżentant tal-vittma fil-proċedimenti kriminali;
5. in-natura tal-ħsara li ssir bħala riżultat tar-reat kriminali (mewt ta' persuna, severità ta' korriment, attakk indeċenti jew sesswali, preżenza ta' indikazzjonijiet ta' traffikar tal-bnedmin jew ta' virus stabbilit tal-immunodeficijenza umana, epatite B jew C stabbilita);
6. id-data tas-sejbiet tal-esperti, in-numru tad-dokument u l-persuna li wettqet l-investigazzjoni esperta;
7. l-għadd ta' persuni li ġew rikonoxxuti bħala vittmi fl-istess proċedimenti kriminali li jikkonċernaw il-mewt ta' persuna, u l-informazzjoni dwar tali persuni.

Jekk il-proċedimenti kriminali jkunu ntemmu fil-mument meta jsir ir-rikors għall-kumpens mill-Istat, jeħtieġ iżżid mar-rikors għal kumpens mill-Istat id-deċiżjoni finali tal-persuna li tmexxi l-proċedimenti u l-ordni ta' infurzar, jekk il-kumpens għad-danni previst fid-deċiżjoni finali ma jkunx sar jew ikun sar parzjalment biss.

Hemm imposti amministrattivi jew oħrajn li għandhom jitħallsu meta t-talba tiġi riċevuta u pproċessata?

Il-proċedura għall-eżami ta' talbiet għal kumpens mill-Istat hija mingħajr ħlas.

Liema awtorità tiddeċiedi dwar talbiet ta' kumpens (f'każijiet nazzjonali)?

Id-deċiżjoni li jitħallas jew li ma jitħallasx kumpens mill-Istat issir mill-Amministrazzjoni tal-Qrati.

Fejn għandi nibgħat il-pretensjoni (f'każijiet nazzjonali)?

Biex tirċievi kumpens mill-Istat, trid tibgħat it-talba għal kumpens mill-Istat lill-Amministrazzjoni tal-Qrati (*Tiesu administrācija*), f'dan l-indirizz: Antonijas iela 6, Riga, LV-1010.

Irrid inkun preżenti matul il-proċedura u/jew meta t-talba tkun qed tiġi deċiża?

Il-preżenza tiegħek matul il-proċess tal-eżami tar-rikors għal kumpens mill-Istat u d-deċiżjoni dwar jekk titħallasx jew le mhijjex meħtieġa.

Kemm jgħaddi żmien (bejn wieħed u ieħor) biex nirċievi deċiżjoni dwar pretensjoni għal kumpens mill-awtorità?

L-Amministrazzjoni tal-Qrati tiddeċiedi jekk tħallasx kumpens mill-Istat jew le fi żmien xahar minn meta tirċievi r-rikors għal kumpens u tibgħat id-deċiżjoni fl-indirizz indikat fit-talba.

Jekk l-Amministrazzjoni tal-Qrati tkun teħtieġ xi informazzjoni addizzjonali minnek jew mill-persuna li tmexxi l-proċedimenti (il-pulizija, l-uffiċċju tal-prosekutur, il-qorti), il-perjodu tat-teħid tad-deċiżjonijiet jiġi sospiż sakemm tasal l-informazzjoni kollha meħtieġa.

Jekk ma nkunx sodisfatt bid-deċiżjoni tal-awtorità, kif nista' nikkontestaha?

Tista' tikkontesta d-deċiżjoni tal-Amministrazzjoni tal-Qrati dwar jekk tħallasx kumpens mill-Istat jew le fi żmien xahar mid-dħul fis-seħħ tagħha billi tippreżenta r-rikors rilevanti lill-Amministrazzjoni tal-Qrati, li hija tibgħat lill-Ministeru tal-Ġustizzja.

Fejn nista' nikseb il-formoli meħtieġa u informazzjoni oħra dwar kif

nagħmel talba?

Tista' ssib [il-formola tat-talba għal kumpens mill-Istat](#) (*Valsts kompensācijas pieprasījuma veidlapa*) u informazzjoni dwar kif timliha hawnhekk:

- fuq il-portal - <http://www.latvija.lv>;
- fuq is-sit web tal-Amministrazzjoni tal-Qrati - <http://www.jpa.gov.lv>, fit-taqsim "Servizzi";
- fl-Amministrazzjoni tal-Qrati, Antonijas iela 6 f'Riga ([informazzjoni dwar il-ħinijiet tal-uffiċċju](#));
- mill-persuna li tmexxi l-proċedimenti (il-pulizija, l-uffiċċju tal-prosekutur jew il-qorti);
- billi ċċempel il-linja ta' informazzjoni bla ħlas 80001801 (matul il-ħinijiet tax-xogħol).

Hemm linja telefonika għall-għajnuna jew sit web speċjali li nista' nuża?

Tista' tuża l-helpline 116006 "Helpline għall-vittmi tal-kriminalità" bla ħlas kuljum mill-12:00 sal-22:00, fejn tista' tikseb:

- appoġġ emozzjonali u psikoloġiku għall-vittmi ta' reati kriminali;
- informazzjoni dwar id-drittijiet proċedurali tal-vittmi (pereżempju, id-drittijiet fi proċedimenti kriminali, id-drittijiet għal kumpens għad-danni, il-kumpens mill-Istat, eċċ.), is-servizzi disponibbli u s-servizzi ta' appoġġ eżistenti għal vittmi.

Tista' tuża wkoll is-sit web <http://www.cietusajiem.lv>.

Nista' nirċievi għajnuna legali (għajnuna mingħand avukat) meta nħejji t-talba?

M'għandekx bżonn għajnuna legali biex titlob kumpens mill-Istat. L-Amministrazzjoni tal-Qrati tipprovdi l-assistenza meħtieġa għall-proċess ta' talba għal kumpens mill-Istat.

Hemm xi organizzazzjonijiet tal-appoġġ għall-vittmi li jistgħu jgħinuni nitlob kumpens?

L-assoċjazzjoni "Skalbes" (*Biedrība "Skalbes"*) toffri helpline 116006 bla ħlas "Helpline for victims of crime" (kuljum mill-12:00 sal-22:00), li tipprovdi appoġġ emozzjonali u psikoloġiku lill-vittmi ta' reati kriminali, informazzjoni dwar id-drittijiet proċedurali tal-vittmi (pereżempju, drittijiet fi proċedimenti kriminali, drittijiet għal kumpens għad-danni, kumpens mill-Istat, eċċ.), servizzi disponibbli u servizzi ta' appoġġ eżistenti għall-vittmi.

L-aħħar aġġornament: 16/10/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.